MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 195/2003

**Charles u Antonia konjugi Scicluna**

**vs**

**Alison Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-3 ta' April, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta illi (1) tigi dikjarat u deciz li l-konvenuta responsabbli biex thallas lill-atturi tas-servigi minnhom rezi meta hija ghixet maghhom fil-fond 5B, Triq Prosperina, Mtarfa mill-1 ta' Awissu 1997 sa' l-1 ta' Mejju, 2001 fejn temghuha u haslulha hwejjigha tul iz-zmien; (2) tillikwida l-kumpens dovut lilhom ghas-servigi minnhom rezi tul iz-zmien stipulat; (3) tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi dawk is-servigi hekk likwidati ghaz-zmien li ghexet u raqdet maghhom fejn temghuha u haslulha hwejjigha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra legali ta’ l-10 ta’ Dicembru, 2002 u ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Marzu, 2003, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Is-servigi rezi ma jeccedux il-hamest elef lira.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talbiet ta’ l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet segwenti:
1. Illi c-citazzjoni hija intenpestiva stante li l-atturi qed jaghmlu dan wara li hija u binhom Eric Scicluna sseparaw bonarjament u minflok qed ihalluha terga tibda tghix hajjitha qed issa jippretendu li thallashom ta’ dak li ghamlu maghha meta kienet gharusa u mizzewga lill-binhom.
2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghall-premess, parti mill-azzjoni taghhom hija preskritti minhabba illi ghaddew il-hames snin kif rikjesti mil-ligi ghal dak li jirrigwarda azzjoni ta’ servigi.
3. Illi t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li dak li qed jigi allegat ghamluh mall-konvenuta minn rajhom senza nteressi u issa ghax iz-zwieg bejnha u bejn binhom falla, qed jippretendu hlas ta’ servigi.
4. Illi l-atturi qatt ma wrew l-intenzjoni li jithallsu ta’ dak li ghamlu maghha tant illi l-konvenuta mhux l-ewwel darba li kienet taghmel xirjiet u twassal lill-attrici bil-karozza bhala turija ta’ apprezzament. Ghalhekk, l-atturi ma jistghux issa, f’dan l-istadju u wara li hija sseparat minn ma’ binhom, jippretendu dan il-hlas in vista li l-lum ir-relazzjoni maghhom tbiddlu.
5. Illi fuq kollox ir-relazzjoni ma’ l-atturi tbiddlu mhux tort taghha izda kienu l-atturi stess li qatghu kull relazzjoni maghha minhabba li hija u binhom isseparaw bonarjament.

Salvi risposti ulterjuri.

Illi hija m’ghandhiex tbati spejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament u t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Inghad mill-bidu nett, illi s-smiegh tax-xhieda f'din il-kawza kien karaterizzat b'emozzjonijiet qawwija nstigata principalment mill-atturi meta, b'turija ta' nuqqas serju ta' karita' kristjana attakkaw lill-omm il-konvenuta, terz illi ma kinitx fil-kawza, b'komportament mhux xieraq intiz specifikament biex iwegghu emozzjonalment lill-konvenuta u jpinguha f'dawl ikrah bhalli kieku l-atturi kienu l-ahhar awtorita' fuq il-morali u komportament uman.

Sfortunatament, il-Qorti ma kellhiex il-ko-operazzjoni ta' l-avukat ta' l-atturi li kien partecipi ma' l-atturi f'din it-turija ta' nuqqas ta' karita' minkejja illi gie mwissi diversi drabi biex joqghod ghas-suggett u ma jisvijjax f'kamp emozzonali li minnu l-kawza ta' l-attur ma kinitx ser tibbenefika.

Ghalhekk, dan inghad li l-Qorti ser tillimita ruhha fuq dak illi strettament hu rilevanti ghal kawza ta' servigi fill-kuntest ta' gurisprudenza nostrana.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenuta marret toqghod ghand l-atturi meta kellha sittax-il sena. Dak iz-zmien kienet qed tohrog mat-tifel taghhom Eric u fuq talba ta' l-istess atturi, l-konvenuta halliet id-dar tal-genituri taghha u marret toqghod ghandhom, fejn okkupat l-istess kamra ta' binthom Alison illum Attard u baqghet toqghod maghhom minn Lulju, 1997 sakemm izzewget lill Eric f'Mejju, 1999. Wara dan, il-koppja marru joqghodu ghal rashom fi flat ir-Rabat sa' Jannar, 2000, fejn minhabba talba ghall-zieda fil-kera, li ma setghux jifilhu, l-koppja Eric u Alison marru lura ghand il-genituri ta' Eric fejn ghamlu sena ohra minn Jannar, 2000 sa' Jannar, 2001.

Wara din l-ahhar data l-koppja xtraw flat u marru joqghodu ghal rashom. Jidher pero' illi l-affarijiet bejnithom ma

kienux ward u zahar u minhabba xi dizgwid illi seta' kien hemm, il-koppja Eric u Alison isseparaw fit-18 Marzu, 2003.

L-atturi pprezentaw din il-kawza fit-3 ta' April, 2003, li fiha qed jitolbu l-hlas ta' servigi mill-perijodu ta' l-1 ta' Awissu, 1997 sa' l-1 ta' Mejju, 2001, li huwa l-perijodu li huma allegaw li l-konvenuta ghamlet toqghod maghhom.

Ikkunsidrat:

Mhuwiex ikkontestat mill-konvenuta illi hija ghamlet perijodu toqghod ma' l-atturi. Lanqas ma huwa kkontestat bejn il-partijiet illi l-konvenuta kienet toqghod maghhom peress illi kienet gharusa lit-tifel taghhom bi skop ta' zwieg.

L-atturi accettawha volontarjament u fi kliem l-attrici Antonia Scicluna a fol. 16 tal-process, accettawha bhala binthom, ghad illi huma ma kienux kuntenti illi t-tifel taghhom jiehu lill-konvenuta bhala martu. Irragunijiet il-ghala ma kienux hekk kuntenti huma rrilevanti ghal din il-kawza. Il-fatt jibqa', illi skond l-atturi, wara li accettaw lill-konvenuta f'darhom, kienet tiekol maghhom, tiehu minn dak illi kien hemm fid-dar, jghinuha biex issib xoghol u anki jwassluha u jgibuha mix-xoghol, mentri l-konvenuta minn naha taghha ma kienet tikkontribwixxi xejn lanqas ghal dawk illi huma facendi tad-dar.

Il-konvenuta pero', tikkontesta din l-allegazzjoni u tghid illi kienet taghti kontribut, tghin fid-dar u anki twassal lill-attrici ghal xi qadja li jista' jkollha bil-karozza u di piu' mill-paga li kien ikollha kienet thallas xi ghoxrin jew tletin lira Maltin (Lm20-Lm30) kull hmistax-il gurnata bhala kumpens ghal dak illi kienu qeghdin jaghmlu l-atturi. Il-flus kienet tghaddihom lil Eric, li safejn taf hi kien jghaddihom lill-genituri.

Importanti hafna ghal din il-kawza, huwa l-fatt li l-atturi jikkonfermaw illi huma qatt ma tkellmu mall-konvenuta ghal dak illi jirrigwarda kumpens. A fol. 19 l-attrici tghid, "Fil-perijodu kollu li l-konvenuta ghamlet ghandna, kemm

qabel ma zzewget u anki wara, qatt ma kellimtha fuq flus u lanqas lit-tifel tieghi, ir-ragel tal-konvenuta.” L-istess, l-attur fejn a fol. 12 jikkonferma illi mall-konvenuta qatt ma semma flus, pero’ gie li semma xi haga lit-tifel tieghu Eric.

X’kienet din ix-xi haga ma rrizultax u Eric ma giex prodott bhala xhud.

Ikkunsidrat:

Il-materja ta’ rimunerazzjoni ta’ servigi hija rizultat ta’ zvilupp gurisprudenzjonali fid-dritt ta’ pajjizna, fejn l-ewwel sentenzi kienu jaslu ghall-konkluzjoni illi ma hemm l-ebda dritt ta’ servigi ghall-assistenza personali minn nies illi jigu minn xulxin meta tali assistenza ma tikkagunax telf materjali, izda tikkaguna biss skomdu u sagrificcju personali (Wyatt utrinque Vol. XVI - II, pagna 316). Matul iz-zmien dan il-principju dbiddel u gie assodat li l-prestazzjoni gratuita’ m’ghandhiex tkun presunta.

Fil-kawza John Axiaq vs Domenico Mifsud (Vol. XXXVI - III, pagna 588) l-Imhallef William Harding kien irritjena illi, “ `L fuq minn mitt sena `l hawn il-gurisprudenza nostrali hija konkordi fil-principju li tista’ tkun dovuta mercedi, anki jekk ma tkunx patwita, meta bil-konkors tac-cirkostanzi jidher li l-hlas hu dovut. Gie dejjem ritenut li l-prestazzjoni gratuita m’ghandhiex tkun presunta u l-intenzjoni li wiehed jirregala s-servigi tieghu u jirrinunzja ghall-kumpens m’ghandhiex tigi facilment akkolta. Kull servigi ghandu jigi ritenut bi speranza ta’ kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi li jistabilixxu konklussivament il-gratuita’ anki meta hemm relazzjoni ta’ parentela.”

Ukoll fil-kawza Ivy Angus vs Joseph Calleja (Vol. XLII - II pagna 923) inghad li l-azzjoni ghall-hlas ta’ kumpens ghall-servigi rezi hija bazata guridikament fuq il-prezunzjoni illi min jisoggetta ruhu illi jaghmel servigi lil haddiehor jaghti dak ix-xoghol bl-iskop illi jithallas a meno che ma jkunx ghamlu bl-iskop umanitarju biss, bla ebda hsieb illi jigi kumpensat.

Ghalhekk, biex il-Qorti tara x'kienet l-intenzjoni ta' l-atturi, trid tara l-animu taghhom x'kien fil-bidu nett meta marret toqghod ghandhom il-konvenuta. Fil-kawza Paolo Muscat vs Maria Camilleri et (Vol. XXIV pagna 96) inghad, "Il-hsieb li s-servigi jigu prestati gratuitament ghandu jissustissi fil-mument tal-presetazzjoni tas-servigi u ma jistax wiehed li jkun ippresta s-servigi minghajr hsieb li jithallas taghhom, ibiddel dak il-hsieb wara z-zmien li r-relazzjoni bejnu u bejn il-persuna li rceviet is-servigi tieghu jkunu dbiddlu."

Ikkunsidrat:

Irrizulta ampjament mill-provi illi meta l-konvenuta marret toqghod ghand l-atturi fl-Lulju, 1997, marret hemmhekk bhala gharusa ta' binhom, bl-iskop ta' zwieg. L-atturi laqghuha bhala binthom u ttrattawha bhala tali, ghad illi forsi jista' jkun hemm x'jinghad dwar dan it-trattament. Pero', dan mhuwiex fil-kawza. Jibqa' l-fatt, illi f'dak il-punt zgur illi l-atturi ma kellhom l-ebda ntenzjoni illi lill-konvenuta jipprestawlha servigi rinumeratorju. Jidher illi dan il-hsieb trawwem fl-imhuh ta' l-atturi hekk kif il-konvenuta sseparat minn mat-tifel taghhom. Fil-fatt il-kawza giet ipprezentata sittax-il gurnata biss wara s-separazzjoni ta' Eric u Alison. Dan ikompli juru l-animu ta' l-atturi illi b'sens vessatorju riedu jissoggettu lill-konvenuta ghall-umiljazzjoni u vendikazzjoni talli ma rnexxhiex iz-zwieg taghha ma' binhom. Il-fatt li mal-bdiel tac-cirkostanzi, l-fehma ta' l-atturi u l-atteggjament taghhom fil-konfront tal-konvenuta dbiddel, ma jaffettwax is-sitwazzjoni illi kien hemm fil-bidu nett meta l-konvenuta marret toqghod maghhom, fejn hemm hekk jidher car illi l-atturi ma kellhom l-ebda ntenzjoni illi jitolbu kumpens taz-zmien illi l-konvenuta kienet ser taghmel maghhom.

Din il-Qorti ghandha l-konfort ta' decizjoni ricenti moghtija mill-Prim' Awla fl-ismijiet Joseph Fsadni et vs Dorianne Micallef moghtija fit-28 ta' Jannar, 2004 fejn inghad, "Meta l-atturi kienu volontarjament laqghu ghandhom l-gharusa tat-tifel fid-dar taghhom, huma ghamlu dan ghax riedu huma u hadd ma gieghlhom. Jekk huma riedu jaghtu lill-konvenuta x'tiekol, dan ghamluh gratuitament invista ta' l-

gherusija u l-eventwali zwieg mat-tifel taghhom. Ma kien hemm ebda rabta kuntrattwali u l-ebda ndikazzjoni fil-bidu tar-relazzjoni mall-konvenuta li l-atturi kienu ser jiccargjaw xi flus.”

(Ara wkoll Saviour Pavia vs Geraldine Camilleri, Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar deciza fil-15 ta’ Settembru, 2004)

Din hi proprju s-sitwazzjoni fil-kawza odjerna.

Ghalhekk, fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti jidhrilha illi jezistu provi bizzejjed ghall-gratuita tal-prestazzjoni tas-servigi rezi, servigi illi gew moghtija wara li l-atturi volontarjament u minghajr pressjoni hadu lill-konvenuta toqghod maghhom bl-iskop ta’ l-eventwali zwieg mat-tifel taghhom Eric.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom..

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------